MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)

**MAGISTRAT DR.**
**SCERRI HERRERA CONSUELO-PILAR LL.D.**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2002

Numru 470/2002

**Artikolu 214, 216, 218, 338(dd)**
**tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Agius**
v

**CLINTON MARK BONNICI**

**Seduta ta' llum, 5 ta' Dicembru, 2002**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **CLINTON MARK BONNICI** ta' ghoxrin sena bin Emauel u Mary Ann nee Mifsud, imwieled Pieta nhar it-tnejn ta' Dicembru, 1981 u residenti 50, Triq Dun Mikiel Cassar, Zejtun, detentur tal-karta tal-identita numru 0006482M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fil-lejl tal-ghaxra ta' Gunju, 2002, ghall-habta ta' nofs il-lejl nieqes

kwart fiz-Zejtun Band Club fiz-Zejtun, minghajr l-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' George Abela f'perikolu car, kkaguna offiza fuq il-persuna ta' l-istess George Abela liema offiza ggib mankament jew sfregju fil-wicc hekk kif iccertifika Doctor R. Portelli tac-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid u talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi, voluntarjament kiser il-bon ordni w l-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat tnax ta' Gunju, 2002 markat bhala dokument CSH a fol 3 tal-atti odjerni.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni l-l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja kif jirrizulta mill-verbal tal-Qorti tat-tnax ta' Gunju, 2002.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u cioe lil George Abela, lil Antoine Galea, lil Pierre Camilleri, lil Paul Tabone u lil Ispetturi Carlo Ellul u Joseph Agius.

Semghet lil espert nominat minnha u cioe lil Doctor Dennis Vella Briffa jiddeskrivi l-feriti subiti minn George Abela u skond r-relazzjoni tieghu esibita a fol 38 tal-atti markata bhala dokument DVB mahlufa l-Qorti nhar l-hamsa ta' Settembru, 2002, jirrizulta li l-vittma George Abela qed isofri minn ferita f'wiccu ta' lewn kahlani w imhaffra twila hames centimetri li tkompli tkerraha u li fil-fehma tieghu din ser tibqa tidher matul z-zmien u ghalhekk tikkostitwixxi sfregju permanenti.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat fis-seduta tas-sebgha w ghoxrin ta' Novembru, 2002 ghal akkuzi addebitati fil-konfront tieghu u dan fil-presenza tal-Avukat Difensur tieghu u ghalhekk fuq tali ammissjoni il-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati taghhom.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 214, 216, 218, 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat ai fini ta' piena, li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Prosekuzzjoni tant li rregistra ammissjoni hames xhur wara li gie mressaq il-Qorti.

Rat l-fedina penali tal-imputat li ghandha biss reat wiehed registrat fuqha li jitratta dwar sejba ta' htija fuq pussess ta' droga eroina nhar t-tmintax ta' Marzu, 2002, meta nghata *unconditional discharge* ghal sena.
Ghalhekk fic-cirkostanzi il-Qorti thoss li l-piena idoneja hija dik ta' prigunerija sospiza.

**Ghalhekk, il-Qorti wara li tiddikjara li qed ssib lil imputat CLINTON MARK BONNICI hati taz-zewg akkuzi moghtija fil-konfront tieghu, tiddecidi li tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tmintax il-xahar sospizi ghal tlett snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghal hlas ta' multa ta' mitt lira maltin.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car s-sinifikat ta' din is-sentenza lil imputat u x'jigri jekk jonqos li josservha.**

**L-imputat fil-presenza tal-Avukat Difensur tieghu ddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta' din s-sentenza.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**